**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 12 ta' Mejju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**Andrea Axiaq**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Andrea Axiaq ta' 22 sena bint Mario u Carmen nee' Mercieca imwielda pieta' fit-8 ta' Ottubru 1993 u toqghod 'St. James Flats', Flat 1, Triq tal-Wej, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' numru 482793(M);

Talli bejn Mejju 2014 u Gunju 2014 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijet differenti , izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) B'mezz kontra il-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi

foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamilt qligh li ma aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-dannu ta' Donald Gouder detentur tl-karta tal-identita' numru 430571(M);

2) Akkuzata wkoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorizzazzjoni uzat il-kodici ta' dhul, *password,* isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'*computer*;

3) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ikkommettiet serq ta' *Cashlink card* tal-BOV, a detriment ta' Donald Gouder;

4) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex imexxuhom jew ibieghuhom u cioe' *Cashlin card* tal-BOV, a detriment ta' Donald Gouder.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-12 ta' Mejju 2016, li giet ikkonfermata minnha wara li nghatat z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u li ghalhekk il-Qorti setghet tittratta sommarjament maghha u tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 284, 285, 308, 309, 310, 334, 337C(1)(i) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputata;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni, u qieghdha ghalhekk tordna li titqieghed taht ordni ta' probation ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill-imputata thallas is-somma ta' €2,140 lill-Bank of Valletta plc ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**